# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 248/98G1(PC)

**Xlendi Tourist Services Limited .**

**vs**

**Easysell Caterers (Gozo) Limited, u Sammy Rapa .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ippremettiet :**

**Illi s-socjeta' attrici taghmel xoghl ta' '*courier services"*, liema xoghol jinvolvi fost affarijiet ohra, illi tiehu hsieb u kura ta' turisti u persuni ohra illi jkunu ser jalloggaw fil-lukanda "Mgarr Hotel" proprjeta' ta' u gestita mis-socjeta' konvenuta, u li taghha l-konvenut l-iehor huwa General Manager ;**

**Illi b'decizjoni mehuda mill-konvenuti jew min minnhom f'Settembru 1998, is-socjeta' attrici u l-haddiema taghha qeghdin jigu projbiti milli jkollhom access ghal dawk il-persuni illi jkunu alloggjati f'dik il-lukanda ;**

**Illi din id-decizjoni hija wahda arbitrarja, u llegali in kwantu hadd mill-konvenuti ma ghandu xi dritt naxxenti mil-ligi illi jzomm lill-haddiema tas-socjeta' attrici, u lis-socjeta' nnifisha milli jkollha tali access ghall-klijenti taghha ;**

**Illi per konsegwenza ta' din l-azzjoni llegali, is-socjeta' attrici qeghda issofri danni ngenti konsistenti *inter alia* fil-fatt hija qed ikollha l-kuntratti illi hija rebhet wara sforzi kbar terminati mill-principali taghha, u dan a sua volta iwassal ghal danni emergenti u lukri cessanti kif sejjer jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;**

**Illi minkejja illi l-konvenuti gew ripetutament interpellati sabiex jiddesistu mill-agir illegali taghhom, il-konvenuti baqghu stinatament jirrifjutaw illi jaghmlu hekk ;**

**Illi s-socjeta' trid illi l-konvenuti jigu kundannati sabiex jirtiraw ir-rifjut taghhom illi l-esponenti taccedi ghall-klijenti taghha illi jkunu alloggjati fl-Imgarr Hotel; u illi huma jhallsu lis-socjeta' id-danni gie sofferti minnha, filwaqt illi qeghda minn issa tirriserva illi tipprocedi kontra taghhom jew min minnhom ghad-danni ulterjuri illi hija sejra u ghad issofri mil-lum 'il quddiem .**

**Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjara illi bid-decizjoni mehuda minnkom jew min minnkom illi tipprojbixxu l-access tas-socjeta' attrici ghall-klijenti taghha alloggjati fl-Imgarr Hotel, intom jew min minnkom ikkommettejtu tort fil-konfront taghha, u konsegwentement sirtu responsabbli fil-konfront taghha ghar-rizarciment tad-danni sofferti minnha minhabba tali decizjoni ;**
2. **Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza .**
3. **Tikkundannakhom jew min minnkom thallsu lis-socjeta' attrici dawk id-danni kif hekk likwidati .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Settembru, 1998, u tal-ittra ufficjali prezentata ukoll f'Settembru 1998, kontra taghkom jew min minnkom; u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .**

**Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta' attrici ghad-danni ulterjuri illi hija sejra u tista' ssofri wara d-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici konfermata bil-gurament ta' George Galea .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Easysell Caterers (Gozo) Limited li eccepiet illi :**

**Preliminarjament l-inattendibilita' tal-azzjoni attrici billi l-pretensjoni ma hijiex bbazata fuq dritt tutelabbli mill-ligi .**

**Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija assolutament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante li l-lukanda Mgarr Hotel hija proprjeta' tal-eccipjenti, u ghalhekk l-eccipjenti ghandu kull dritt jipprojbixxi l-access gewwa l-istess lukanda lil min irid .**

**Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti nomine ghandhom ftehim mas-socjeta' Robert Arrigo & Sons Limited sabiex jiehdu hsieb direttament it-turisti rapprezentati lokalment minn din il-kumpanija li jaslu fl-istess lukanda, minghajr il-htiega tar-rapprezentanti jew l-impjegati tas-socjeta' attrici .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' konvenuta ikkonfermata bil-gurament ta' Sammy Rapa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Sammy Rapa li eccepixxa illi :**

**Preliminarjament l-inattendibilita' tal-azzjoni attrici billi l-pretensjoni ma hijiex bbazata fuq dritt tutelabbli mil-ligi .**

**Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija assolutament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante li l-lukanda Mgarr Hotel hija proprjeta' tas-socjeta' konvenuta Easysell Caterers (Gozo) Limited, u ghalhekk bhala sidien tal-istess lukanda, il-konvenuta l-ohra ghandhom kull dritt jipprojbixxu l-access gewwa l-istess lukanda lil min iridu .**

**Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta' konvenuta Easysell Caterers (Gozo) Limited, ghandha ftehim mas-socjeta' Robert Arrigo & Sons Limited sabiex tiehu hsieb direttament it-turisti rapprezentati lokalment minn din il-kumpanija li jaslu fl-istess lukanda, minghajr il-htiega tar-rapprezentanti jew l-impjegati tas-socjeta' attrici .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut konfermata wkoll minn Sammy Rapa .**

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda prodotti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz tal-kawza prezenti s-socjeta' attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni allegatament sofferti minnha minhabba d-decizjoni mehuda mill-konvenuti li ma jippermettux impjegati taghha li jkollhom access liberu fil-lukanda taghhom ghall-klijenti ta' agenziji ta' l-ivjaggar li lilhom kienet qed tipprovdi *courier services* gewwa Ghawdex . Per konsegwenza talbet ukoll il-likwidazzjoni ta' dawn id-danni u l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' l-istess danni .**

**George Galea ghan-nom tas-socjeta' attrici spjega kif id-ditta minnu rapprezentata kienet toffri *courier services* lil diversi agenziji ta' l-ivjaggar li kienu jibghatu kljenti taghhom jalloggjaw f'lukandi**

**f'Ghawdex . Il-kompitu tal-kumpanija tieghu kien jikkonsisti f'illi jigbor lit-turisti mid-destinazzjoni miftehma, jwassalhom sal-lukanda u jerga johodhom lura . Sakemm idumu fil-lukanda xi hadd mill-kumpanija tieghu kien izurhom fil-lukanda biex jara li ma jonqoshom xejn . Ghall-habta ta'Awissu/Settembru 1998 sehh incident fil-lukanda Imgarr, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, bejn l-istess George Galea u l-General Manager tal-lukanda, l-konvenut l-iehor Sammy Rapa, li nvolva wkoll l-impieg ta' Jason Galea iben George, li kien jahdem fl-istess lukanda . In segwitu ghal dan l-incident il-konvenut Rapa ipprojbixxa lir-rappresentanti tas-socjeta attrici milli jidhlu jkellmu lit-turisti alloggjati f'dik il-lukanda .**

**Minhabba f'hekk is-socjeta' attrici qed tallega li sofriet danni ingenti ghaliex l-agenziji ta' l-ivjaggar, gialadarba jsiru jafu li r-rapprezentanti ta' din is-socjeta' mhux qed jithallew jidhlu f'din il-lukanda, mhux ser jinkarigawhom aktar sabiex jaghtu *courier services* lit-tursisti destinati ghal din il-lukanda .**

**Is-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, rreferiet ghal tliet relazzjonijiet kuntrattwali, u cioe :**

**(i) ir-relazzjoni li tezisti bejn turist u agenzija ta' l-ivjaggar,**
**(ii) ir-relazzjoni illi tezisti bejn agenzija ta' l-ivjaggar u lukanda, u**
**(iii) ir-relazzjoni li tezisti bejn socjeta' li tipprovdi *courier services* u agenzija ta' l-ivjaggar .**

**Pero' kif tajjeb osservaw il-konvenuti fin-nota ta' sottomisjonijiet taghhom ma jista' jinghad illi jezisti ebda rapport guridiku, la kuntrattwali u lanqas mod iehor bejn il-lukanda Mgarr u s-socjeta' attrici, billi ma giet ippruvata ebda relazzjoni bejn il-*courier* u l-lukanda . Ghalkemm ma giex michud illi rapprezentanti tas-socjeta' attrici, sakemm inqala' l-incident imsemmi, kienu jinghataw din il-fakolta' li jidhlu fil-lukanda u jkellmu lill-kijenti ta' l-agenziji ta' l-ivjaggar li jkunu qabbduhom ghall-*courier services* , dan ma jidhirx li kien qed isir ghax kien hemm xi obligazzjoni da parti tal-lukanda li thallihom jaghmlu hekk, imma semplicement b'mera tolleranza .**

**Id-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici permezz tan-nota taghha tas-6 ta' Settembru 2000 bl-ebda mod ma jsahhu t-tezi taghha dwar xi rabta kuntrattwali mal-lukanda Mgarr . L-uniku dokument li jaghmel referenza ghat-tip ta' *courier services* mistenni mis-socjeta' attrici, meta jistipula illi *"Xlendi Tourist Services will provide couriers in English, Italian, French and German, who will visit the clients twice during their stay in Gozo . The courier will ensure that the clients settle in and will endeavour to rectify any possible complaints….",* ftehim bejn l-agenzija ta' l-ivjaggar "Robert Arrigo and Sons Ltd.", u s-socjeta' attrici, (Dok. XTS. 1 a fol. 47 tal-process), igib id-data tal-21 ta' Jannar 1999 . Ghalhekk gie fis-sehh xhur wara li kien inqala' l-incident in kwistjoni f'Awissu/Settembru 1998 .**

**Jekk ghalhekk huwa minnu illi, kif qed issostni s-socjeta' attrici, hija kellha mandat minghand din l-agenzija sabiex tiehu hsieb it-turisti alloggjati fil-lukanda Mgarr, dan id-dokument jipprova biss illi dan kien b'effett minn Jannar tas-sena 1999 u mhux qabel . Se mai huwa wkoll l-aqwa prova illi, minkejja li s-socjeta' attrici qed tallega li mhix tinghata aktar xoghol mill-agenziji ta' l-ivjaggar, ta' l-inqas sa fejn jirrigwarda lil "Robert Arrigo and Sons Ltd.", l-incident in kwistjoni ma jidher illi halla ebda effett negattiv fir-relazzjonijiet ta' bejniethom u s-socjeta' attrici xorta wahda baqghet tinghata xoghol minn ghandhom .**

**F'dawn ic-cirkostanzi ma jirrizultax ghalhekk illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici illi sofriet xi danni minhabba l-agir hekk imsejjah "abuziv u arbitrarju' tal-konvenuti, gew sodisfacentement ipprovati .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici .**

**(ft) Paul Coppini .**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S24898Pc